IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 - L-ERBGĦA 21 TA' OTTUBRU 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook.* Informa wkoll li qed ikun trasmess b'mod aħjar mis-soltu biex jagħmel il-laqgħa aktar interessanti biex isegwi l-pubbliku.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillier Cuomo li tat ir-raġuni tagħha għalfejn ma setatx tattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħha bħala ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Il-Minuti kienu kkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem com* wara proposta mill-Kunsillier Deguara issekondata mill-Kunsillier Gatt.

2.3 Arising minn para. 3.4 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Gatt jekk ma kienx hemm xi żvilupp. Il-Kunsillier Gatt spjega li hu qed jipprova jikkomunika mal-NGO, Project Aegle Foundation iżda s'issa ma hemmx risposta minn naħa tagħhom.

2.4 Arising minn para. 3.10 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li bħalissa qed jiġu organizzati laqgħat bejn il-Kunsill u l-Kumitati tal-baned.

2.5 Arising minn para. 3.13 tal-minuti preċedenti dwar Triq San Pawl – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kkomunikat ma' Infrastructure Malta u infurmawha li d-drenaġġ issa tlesta u ser jitqabbad mas-servizzi eżistenti. L-i*storm water culverts* waslu sa ħdejn Triq Markiz Scicluna u se jikkonnettjaw ma' dak eżistenti. Sar 'gutter' (parti tat-triq bil-konkos) li jidher li sar biex isiru l-parkeġġi fuqu u qed jitkompla x-xogħol tal-bankini. Ħdejn l-għalqa tal-Ġiżwiti inbidel il-*marking* tal-linji bil-konsigwenza li se jinbena mill-ġdid iċ-ċint u għalhekk it-triq tidher li se tidjieq.

2.6 Arising minn para. 3.15 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ċ-ċint ta' Ġnien il-Ħamrija li waqa' bil-maltemp ġie rranġat.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fl-1 ta' Ottubru l-Kunsill sejjaħ żewġ kandidati għal intervista għall-post ta' skrivan/a. Dawn m'attendewx mingħajr m'avżaw u għalhekk ġew awtomatikament skwalifikati. Issa trid issir sejħa oħra.

3.3 Fis-16 ta' Ottubru, flimkien mal-Kunsillieri Brincat u Spiteri is-Sindku kellha laqgħa mal-Perit Dr Antoine Zammit fejn ġie diskuss il-Proġett Slow Streets. Is-Sindku infurmat li fuq dan is-suġġett il-Kunsill kien ilu jiddiskuti kif il-lokal tan-Naxxar isir aktar aċċessibli u b'inqas traffiku fiċ-ċentru.

3.4 F'dan il-ħin is-Sindku qajmet il-punt li huwa l-Kunsill li qed jaħdem biex itaffi l-problema tat-traffiku fil-Pjazza u mhux sewwa li xi membru parlamentari japprofitta biex jagħmel propoganda personali, jkun min ikun. Il-Kunsill qed jaħdem fuq dan il-proġett ħolistiku biex il-lokalità tan-Naxxar tingħata kwalità ta' ħajja aħjar lir-residenti. Il-Kunsillier Brincat irrimarka, li għall-kuntlarju, l-Kunsill m'għandux jirrifjuta kummenti li b'xi mod jistgħu jgħinnuh jasal fejn jixtieq.

3.5 Is-Sindku infurmat li l-ex Supretendent Hersey m'għadux responsabbli mad-distrett tan-Naxxar. Hi rringrazzjatu tax-xogħol li għamel u tal-interess li ħa fil-lokalità. Is-Supretendent il-ġdid huwa is-Sur Carmel Bartolo u se tiltaqa' miegħu nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru.

3.6 Dwar il-Ġnien ta' Triq tal-Labour, is-Sindku rċiviet korrispondenza minn għand l-Awtorità tal-Artijiet fejn tgħid li l-applikazzjoni qed tigi evalwata sabiex tiġi proċessata.

3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri rigward Ġnien ta' Santa Marija tal-Anġli li x-xogħol tal-*fencing* beda jsir dak inhar stess mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet u Infrastruttura. Kif jitlesta l-*fencing* se jsiru xogħlijiet tal-*irrigation* manwali. Iż-żebgħa tal-bankijiet u l-Pergola se jsiru f'Ġunju li ġej minħabba l-ammont ta' xogħol li għandhom. Dwar il-funtana d-Diviżjoni ma tax ġurnata meta se tkun irranġata.

3.8 Is-Sindku infurmat dwar iz-*zebra crossing* li qed issir bħalissa quddiem Scotts Supermarket.

3.9 Is-Sindku infurmat rigward ix-xogħol li bħalissa għaddej minn Infrastructure Malta fuq it-twessiegħ ta' Triq il-Forġa. Hi spjegat li t-triq se tiġi rikostruwita mill-ġdid sal-Higher Secondary.

3.10 Bħalissa għaddejin diversi xogħlijiet ta' *fibre optic* mill-kumpanija GO u li għalihom qed isiru xogħlijiet strutturali f'partijiet mit-toroq u bankini madwar il-lokalità kollha.

3.11 Is-Sindku infurmat li s'issa l-Kunsill ma rċieva ebda informazzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet rigward ir-restawr tal-istatwi.

3.12 Rigward l-applikazzjoni għal-fondi mill-Animal Welfare , il-Kunsill għadu qed jistenna risposta. Hi kkomunikat mad-Direttur tal-*Animal Welfare* fejn staqsiet rigward il-*vouchers* għal *neuturing* minħabba li l-*cat feeders* qed jistaqsu għalihom. Hu infurmaha li dawn għadhom ma ħarġux. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dawn il-*vouchers* mhux se jkunu parti mill-iskema.

3.13 Fis-16 ta' Ottubru is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana u ġie diskuss dan li ġej:

3.13.1 Ġie diskuss fuq is-servizz li qed jingħata mid-Dipartiment tal-anzjani permezz ta' Silver T Transport li huwa b'xejn għall-anzjani u nies vulnerabbli. Ir-reġjun se jiddiskuti sabiex is-servizz jiġi Reġjonali. In-Naxxar għadu ma ġiex magħżul biex dan is-servizz jingħata lir-residenti.

3.13.2 Il-websajt u l-App tar-Reġjun Tramuntana saret aktar aċċessibbli u qed jaħdem għal sistema ta' permessi *on line.*

3.13.3 Ir-Reġjun se jgħati l-ammont ta' €3,000 lil kull Kunsill bħala spejjeż għall-proġett S*low Streets,* il-Kunsill jibgħatilhom l-irċevuta u wara jħallsu lill-Kunsill.

3.13.4 Minħabba li din is-sena mhux se jsiru attivitajiet tal-Milied, is-Sindku proponiet biex ir-Reġjun jagħti somma ta' €3,000 biex il-Kunsill ikun jista' jżejjen toroq ġodda ġewwa n-Naxxar. Ġie deċiż li l-Kunsill se jikseb €1,000 u titpoġġa emblema tar-Reġjun Tramuntana mad-dawl ġdid tal-Milied.

3.14 Is-Sindku infurmat li aktar kmieni llum is-SE attenda webinar ta' aktar minn sagħtejn organizzat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif ukoll rigward il-poloz tal-assikurazzjoni. Is-SE għandu jibgħat l-informazzjoni lill-Kunsillieri fil-jiem li ġejjin.

3.15 Is-Sindku infurmat li xi ġimgħat ilu, fi żmien is-sajd tal-lampuki ġie nnutatt mill-kuntrattur tal-ġonna li persuna jew persuni mhux magħrufa kienu qatgħu numri ta' weraq tal-palm minn żoni pubbliċi fin-Naxxar. Dan joħloq riskju kbir għall-mard fil-palm. Kif il-kuntrattur innota b'dan beda jbexx mill-ewwel. Dak inhar stess tal-laqgħa l-kuntrattur ikkuntatja lill-Kunsill minħabba li palma fi Ġnien Xuereb inħakmet mill-bumunqar aħmar (*Red Palm Weavel)* u tinsab fi stat ħażin ħafna. Immedjatament sar kuntatt mal-*Plant Health Directorate* u se ssir spezzjoni fuq il-post nhar il-Ġimgħa sabiex jiġi deċiż jekk għandhiex titqaċċat jew le. Hi infurmat ukoll li se jsir kuntatt mad-Dipartiment tas-Sajd sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk il-qtugħ kienx awtorizzat mingħandhom.

3.16 Is-SE informa lill-Kunsillieri b'korrispondenza li rċieva l-Kunsill rigward talba mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda għas-sapport biex il-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Kulturali Intanġibbli fil-Lista Rappreżentattiva tal-Umanità tal-UNESCO kif anness f'appendiċi A. Il-Kunsill qabel *nem com*.

3.17 Is-SE ippreżenta t-talba li saret miċ-Ċentru Laburista Naxxar rigward tħawwil ta' żewġ siġriet taċ-Ċipress fl-okkażjoni tal-mitt sena tal-Partit Laburista kif ukoll titwaħħal plakka kommemorattiva. Il-Kunsillier Brincat spjega fid-dettal dwar fejn iridu jiġu dawn is-siġar li huma fejn il-monument tal-millenju u fil-ġnien ta' BIC. Il-Kunsill qabel *nem com.*

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Il-Kunsill approva (*nem com*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Deguara. Il-lista tal-pagamenti kif anness f'appendiċi B kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'appendiċi Ċ, D u E rispettivament.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIELET KWART TAS-SENA

6.1 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju u spjega r-rapport fid-dettal anness f'appendiċi F.

6.2 Il-Kunsill approva r-rapport (nem com) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Viċi Sindku.

## 7. IS-SITWAZZJONI DWAR IR-RESTAWR TAL-MITĦNA TAL-GĦAQBA

7.1 Is-Sindku infurmat li ssejħet laqgħa ma' Uffiċjali tas-Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH) dwar il-proġett tal-Mitħna. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku, is-SE, il-Project Manager, uffiċjali mill-SCH kif ukoll il-Periti tal-Kunsill. Din il-laqgħa ssejħet minħabba li kien hemm problemi rigward il-metodi tar-restawr tal-Mitħna li kienu qed jesiġu dwarhom l-SCH.

7.2 L-SCH bdew jilmentaw minħabba li x-xogħol ma sarx tajjeb minħabba li tneħħiet il-patina. Huma insistew li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol tar-restawr tal-mitħna għandu esperjenza kbira fejn jidħol ir-restawr u allura misshom kienu jafu aħjar.

7.3 Il-faċċata se tkun differenti mill-kumplament tal-mitħna minħabba li SCH insistew li l-kuntrattur jimxi skont id-direzzjoni li qed jagħtu huma.

7.4 Il-Periti tal-Kunsill spjegaw li sar ħafna xogħol tajjeb li jidher li mhux qed jiġi apprezzat. Semmew li ħafna mill-ħitan kienu fi stat li jiġġarfu u li issa ġew irranġati. Il-Periti semmew li meta preżentaw il-proposti tagħhom tal-lift, minn naħa tal-SCH esiġew li jsir lift kwadru u kkritikaw id-disinn tal-perit. Wieħed mill-uffiċjali esprima li ma kienx konxju minn dan u għalhekk se jkunu lesti li jikkonsidraw la darba ssir l-applikazzjoni. Informa li dan ikun diskuss mad-*Design Advisory Committee*.

7.5 Il-Periti wrew il-pjan oriġinali tal-lift li kien approvat mill-SCH meta ddaħlet l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar, fejn kien hemm numru ta' difetti u huma ma tkellmux. Li kienu qed jipproponu l-Periti huwa li jkun ta' inqas ħsara u rbit mal-istruttura tal-mitħna filwaqt li jkun aċċessibli mingħajr il-ħtieġa ta' *chair lifts.*

7.6 Bħalissa qed jitkompla il-*finishing works* tal-mitħna fuq ġewwa fejn sar aċċess ieħor biex il-bir jkun jista' jitnaddaf aħjar. Bdew ukoll jinżebgħu l-bibien.

7.7 Bħalissa qed jiġi diskuss l-offerti dwar il-mekkaniżmu tal-mitħna, dan minħabba li l-irħas offerta kienet dik ta' €441,895 (*excl. VAT*) u li allura il-kuntratt se jammonta għaċ-ċifra ta' €521,436 (*incl. VAT*). Dan l-ammont huwa ferm aktar mill-aħħar stima tal-Perit preżenti u mas-seba' darbiet aktar

mill-istima tal-Perit ta' qabel, meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi tar-restawr. Din u xogħlijiet oħra wasslu għal somma totali ħafna akbar. Għalhekk l-amministrazzjoni talbet għal aktar fondi. Din it-talba ma ġietx milqugħa mill-*Managing Authority* (MA) minħabba li f'dan l-istadju m'għandhiex fondi addizzjonali. Qed isiru wkoll kuntatti fuq livell għoli biex il-Kunsill jikseb fondi addizzjonali.

7.8 L-MA aċċettat it-talba li għamel il-Kunsill għal estenzjoni taż-żmien biex il-proġett ikun konkluż.

7.9 Il-Kunsill talab biex jingħata l-art kollha tal-Gvern madwar il-Mitħna li sfortunatament ġiet miċħuda bl-iskuża li laħqu ġeddew il-kirja, minkejja li l-Kunsill talab tliet xhur qabel għalqet il-kirja u talab ukoll *buffer zone* ta' 4m biss madwar il-mitħna. Dan ifisser iż-żewġ naħat biss għaliex it-tielet naħa se jixtriha l-Kunsill mill-privat. F'każ li l-*buffer zone* ma tingħatax lill-Kunsill allura l-mitħna mhux se tkun aċċessibbli u lanqas mhux se jkun possibbli li jsir lift.

7.10 Il-Kunsillier Brincat appella biex il-Kunsill joqgħod attent kif jagħmel il-kritika u talab li l-Awtorità tal-Artijiet tkun mistoqsija meta kien deċiż li l-kuntratt tal-art madwar il-mitħna tiġi mġedda.

7.11 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li jsir sottokumitat ta' mhux aktar minn tlett persuni sabiex isir pjan u l-Kunsill jibda jaġixxi. Is-sottokumitat se jkun magħmul mill-Viċi Sindku, Kunsillieri Brincat u Spiteri.

## 8. APPLIKAZZJONI FL-ISKEMA SPI/SCI/3/2020– FINANZJAMENT TA' PROĠETTI KAPITALI – AĊĊESSIBILTA' U MOBILITA'

8.1 Is-Sindku ressqet mozzjoni annessa f'appendiċi Ġ fejn proponiet li l-Kunsill għandu japplika għall-fondi taħt din l-iskema. Dwar dan, il-Kunsill kien diġà kkommetta li jipparteċipa fil-proġett Slow Streets.

8.2 Il-Kunsill approva l-mozzjoni (*nem com)* fuq proposta mis-Sindku ssekondat mill-Kunsillieri Brincat u Spiteri.

## 9. OFFERTI GĦALL-BINI TA' OUTDOOR GYM

9.1 Is-SE ippreżenta s-sejħa għall-offerti tal-Outdoor Gym. Hu spjega li l-Perit żied ċertu dettalji minn dak li kien inħareġ qabel biex possibilment ma jitħalla xejn barra u l-Kunsill ikun jaf aktar bl-eżatt kemm se jiswa u jkunu kemm jista' jkun evitati xogħlijiet addizzjonali mhux koperti mill-kuntratt.

9.2 Il-Kunsill qabel li jippubblika s-sejħa għall-offerti fuq proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 10. RANDIKONT TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI

10.1 Is-Sindku infurmat li irċiviet rapport wieħed minn għand Kunsillier Cuomo. Hi infurmat lill-kumplament tal-Kunsillieri biex jgħaddu r-rapporti tagħhom.

## 11. BYE LAW DWAR ATTIVITAJIET FIL-BERAĦ

11.1 Is-SE ippreżenta l-bye law u spjega fid-dettal anness f'appendiċi Ħ.

11.2 Il-Kunsillier Deguara ġibed l-attenzjoni biex tinbidel iċ-ċifra ta' meta f'attività ikun hemm aktar minn 50 persuna il-miżata għandha tkun dik ta' €50 minflok ta' €20. Il-Kunsill qabel.

11.3 Il-Kunsill approva l-*Bye Law* fuq proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

## 12. EIA DWAR L-IŻVILUPP TAL-WASTESERV

12.1 Is-Sindku infurmat lil Kunsill dwar x'ġie diskuss mar-Reġjun Tramuntana.

12.2 Il-Kunsill talab lill-konsulenti sabiex jidħlu fid-dettal tad-dokument tal-Wasteserv. Ir-rapport ġej jiswa €900 biex il-kunsill ikun infurmat b'mod indipendenti u jkollu informazzjoni konċiża u inqas teknika tar-rapport.

12.3 Is-Sindku wriet il-*feedback* tal-Onor. Miriam Dalli. Il-perjodu tal-konsultazzjoni kienet tagħlaq l-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2020. Il-Kunsill infurmaw lill-ERA li dan mhux se jkun possibbli. L-ERA informa lill-Kunsill li din mhux se tkun ta' problema minħabba li jkun għad hemm iċ-ċans li l-ewwel issir il-laqgħa pubblika.

12.4 Il-Kunsillier Gatt ippropona biex issir talba biex din iċ-ċifra titħallas mir-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill qabel.

## 13. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-ŻVILUPP FIL-PARKEĠĠ TAT-TRADE FAIR – PA 9524/18

13.1 Is-SE informa lil Kunsilliera li kien bgħattilhom korrispondenza dettaljata kif ukoll ittra minn naħa tal-Kunsill lill-Awtorità tal-Ippjanar annessa f'appendiċi I.

13.2 Is-Sindku ipproponiet li ssir konferenza stampa biex tindika li l-Kunsill huwa kontra dan il-proġett.

## 14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

14.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:56.

14.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru fis-17:45.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |